BROADCASTING AUTHORITY L - AWTORITÀ TAX - XANDIR

MALTA

**Direttiva tal-Awtorità tax-Xandir ai termini tal-Artikolu 15**

**tal-Att Dwar ix-Xandir**

Regoli għal dibattiti bejn il-Mexxejja Politiċi

Preambolu

Skont l-artiklu 119 tal-Kostituzzjoni, l-Awtorità tax-Xandir għandha l-obbligu li tara li f'dawk is-servizzi ta' xandir ta' smigħ u televiżjoni li jistgħu jkunu provduti f'Malta, tiġi miżmuma *imparzjalità xierqa* dwar ħwejjeġ ta' kontroversja politika jew industrjali jew li jirriferixxu għal *policy* pubblika korrenti. Fl-Att dwar ix-Xandir insibu wkoll Artiklu 13(2)(f) li jitkellem b'mod speċifiku dwar il-ħtieġa ta' imparżjalità:

"li tinżamm l-imparżjalità dovuta dwar ħwejjeġ ta' kontroversja politika jew industrijali jew li għandhom x'jaqsmu ma' *policy* pubblika kurrenti"

Konxja minn dawn l-obbligi u sabiex tiggarantixxi l-imparżjalità ma' kulħadd l-Awtorità qiegħda tavża lill-istazzjonijiet tar-radju u tat-televiżjoni b'dawn il-ħtiġijiet li qed jiġu kkomunikati bħala direttiva ai terminu ta' Artiklu 15 tal-Att Dwar ix-Xandir.

REGOLI

1. L-iskop ta' dawn ir-regoli huwa li f'dibattitu bejn il-mexxejja jew deputati mexxejja tal-partiti, dawn jingħataw trattament ugwali mhux biss fl-ammont tal-ħin iżda wkoll fil-mod tal-komportament tal-preżentaturi.

   Ir-responsabbilità biex jiġi żgurat trattament ugwali taqa' fuq il-produttur, il-preżentatur u anke l-istazzjon. Finalment huwa l-Editur Reġistrat tal-istazzjon li għandu jassumi r-responsabbilità ta' dak li jixxandar.

7, Mile End Road, HAMRUN HMR 1719, Malta. Tel: (+356) 2122 1281, 2124 7908. Fax: (+356) 2124 0855.
E-Mail: info.ba@ba.org.mt

**Udjenza**

2. L-udjenza trid tkun imqassma b'mod ugwali bejn il-partecipanti/ partiti biex jitħares il-prinċipju ta' trattament ugwali u dan kif elenkat ukoll f'Para 12.5 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 350.14 dwar l-Aħbarijiet u l-Programmi ta' Ġrajjiet Kurrenti.

3. M'għandux ikun hemm ċapċip jew forom ta' interruzzjonijiet oħra ħlief fil-bidu u fl-aħħar tal-programm. Il-membri tal-udjenza għandhom jingħataw regoli ta' mġieba waqt id-dibattitu. Ir-regoli jkunu maqbula bejn il-partiti u l-*producer*.

4. Il-membri tal-pubbliku magħżula biex jagħmlu l-mistoqsijiet għandhom jibgħatu l-mistoqsijiet minn qabel lill-*producer* u l-kriterji għal għażla tal-mistoqsijiet għandhom ikunu l-imparzjalità, bilanċ u *fairness* (trattament ugwali). Il-mistoqsijiet mill-udjenza għandhom jirriflettu trattament ugwali bejn il-parteċipanti fid-dibattitu.

5. Il-mistoqsijiet iridu jkunu relevanti għad-djalogu politiku li jkun għaddej fil-pajjiż.

6. Fid-dibattitu għandhom jiġu ndirizzati l-istess ammont ta' mistoqsijiet lill-partecipanti.

7. Il-membri tal-udjenza li jistaqsu għandhom jillimitaw ruħhom għall-mistoqsija magħżula mingħajr lok ta' kummenti frivoli u mistoqsijiet supplementari.

8. Ma jistax ikun hemm *cutaways* u reazzjonijiet ta' membri individwali tal-udjenza waqt li xi ħadd mill-kelliema jkun qed iwieġeb.

9. Ikun hemm *close up* tal-membru tal-udjenza waqt li qed jistaqsi l-mistoqsija.

10. *Cutaway shot* ta' membru individwali tal-udjenza jista' jkun tollerat biss meta wieħed mill-mexxejja jkun qed jindirizza b'mod speċifiku lil min ikun għamillu l-mistoqsija.

11. Jista' jkun hemm *group shots* jew *wide shots* tal-udjenza waqt id-dibattitu. Dawn ix-*shots* iridu jkunu mqassmin b'mod ugwali, jekk kemm-il darba jintużaw, waqt risposta ta' mexxej jew ieħor.

**Ir-rwol tal-Moderatur/ Preżentatur**

12. Il-moderatur għandu jara li l-mexxejja jimxu skont il-ħinijiet maqbula.

13. Il-moderatur għandu jara li l-programm ikun wieħed mexxej u li l-parteċipanti jingħataw trattament ugwali.

14. Mhuwiex ir-rwol tal-moderatur li jgħaddi kummenti fuq l-interventi u r-risposti tal-parteċipanti iżda jista' jistaqsi dwar fatti li joħorġu mill-mistoqsijiet li jkun għamel b'mod ekwu mal-parteċipanti.

15. Il-moderatur ma jistax jieħu sehem fid-diskussjoni imma għandu jagħmel il-mistoqsijiet u jmexxi l-programm b'mod ġust, imparzjali, *fair* u bilancjat.

16. Il-moderatur għandu jara li l-programm jitmexxa bl-aktar mod ċivili, ma jħallix interruzzjonijiet bejn il-mexxejja u juża kull ħila biex it-telespettaturi jkunu jistgħu jsegwu sew dak li jkun qed jingħad mill-kelliema.

17. Il-moderatur għandu l-obbligu li jara li f'każ ta' parteċipanti b'xi diżabilità, dawn għandhom jiġu trattati b'mod li jgħin il-ħiliet tagħhom u jsir dak kollu possibbli biex il-messaġġ tagħhom jasal skont il-ħtiġijiet tagħhom.

18. Il-moderatur m'għandux jagħmel ġesti, sinjali u mossi li jistgħu jfixklu lill-partecipanti.

**Struttura tal-Programm**

19. Il-parteċipanti jkunu f'posthom fil-bidu tal-programm.

20. Il-moderatur jintroduċi lill-parteċipanti u jistedinhom wara xulxin biex jagħmlu l-introduzzjoni tagħhom ta' mhux aktar minn minuta u nofs kull wieħed jew ta' tul ta' ħin li jkun miftiehem qabel mal-parteċipanti.

7, Mile End Road, HAMRUN HMR 1719, Malta. Tel: (+356) 2122 1281, 2124 7908. Fax: (+356) 2124 0855.
E-Mail: info.ba@ba.org.mt

21. F’kull taqsima tal-programm jistgħu jsiru sa żewġ mistoqsijiet (jew numru ta’ mistoqsijiet kif miftiehem minn qabel mal-parteċipanti stess) mill-udjenza skont il-proċedura msemmija aktar ‘l fuq.

22. Il-parteċipanti jkollhom ċans f’ħin ugwali iwieġbu għall-mistoqsijiet.

23. Parti mill-programm tkun *open debate* bejn il-kelliema u l-kelliema jingħataw l-istess ħin b’camera work identiku għall-parteċipanti.

24. Il-parteċipanti jagħmlu diskors tal-għeluq f’ħin ugwali bejniethom.

25. L-ordni ta’ kif jitkellmu l-mexxejja tibqa’ kif inhi l-prassi fil-preżent, jiġifieri jibda l-Kap tal-Oppożizzjoni u jispiċċa l-Prim Ministru, imma fil-każ ta’ dibattitu bejn deputati mexxejja għandu jintlaħaq qbil bejn ir-rappreżentanti tal-partiti u l-*producer* u f’nuqqas ta’ ftehim l-ordni tittella’ bil-polza. L-ordni tal-kelliema titniżżel fir-*running order* tal-programm.

26. It-temi li jkunu ser jiġu diskussi għandhom ikunu maqbula bejn il-*producer* u r-rappeżentanti tal-partiti minn qabel. Dan jiżgura imparzjalità u trattament ġust.

27. Ma jsir l-ebda vot u lanqas mistoqsija televiziva (*televoting question*) dwar min ikun mar l-aħjar fil-programm. L-istazzjon għandu l-obbligu li f’każ ta’ *televoting question* fuq xi materja politika, irid ixandar tabella li turi li dan mhux stħarriġ xjentifiku u r-riżultat mhux neċessarjament jirrappreżenta l-opinjoni ġenerali.

28. Din id-direttiva tgħodd ukoll għal dibattiti maħsuba għal bejn id-deputati mexxejja tal-partiti.

16 ta’ Jannar 2013.